MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 270/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Angelo Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant (ID Card Number 1035845)(M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Marzu, 2010 għall-ħabta tal-11.20 a.m., fi Triq il-Ġummar, B'Kara, w/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin, meta b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, jkunu jikrsu l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun jew fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew b'xi mod iehor, kontra l-liġi, indaħal fi ħwejjeġ ħaddiehor, billi fixkel lil martu Elizabeth Agius mill-pussess ta' ħwejjiġha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Ġunju, 2010, li biha wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 sabet lill-appellant ħati tal-akkuża kontrih u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28(a) tal-Kap. 9, ikkundannatu xahar priġunerija sospiż għal sena.

Inoltre l-Qorti ordnat lill-appellant jerga' jippussessa lill-parte civile mill-karozza Pajero HBC 286 fi żmien ħamest (5) ijiem.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta' Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fir-rigward tas-sejba ta' ħtija, tħassar jew tirrevoka fir-rigward il-piena nflitta billi timponi piena inqas ħarxa minn dik imposta fuqu mill-Ewwel Qorti.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor huwa s-segwenti w ċioe':-

Illi l-appellant irċieva l-atti tal-akkuża u ħassu aggravat bid-deċiżjoni billi jħoss illi hija wisq ħarxa kontra tiegħu. Illi fil-bidu tal-kawża ried jirranġa u dan fuq stedina tal-istess Magistrat pero' l-kwerelanta riedet il-"pound of flesh" u riedet tkompli bil-kawża minkejja li kelha akkużi kontra tagħha wkoll. Illi huwa fatt ammess illi l-vettura għebet miċ-ċirkulazzjoni għal madwar xahrejn u dan wara li l-appellant kien infurmaha illi għandu bżonn din il-vettura għax-xoghol. Ta' min jgħid illi hemm erba' vetturi fid-dar u l-kwerelanta dejjem kellha vettura biex tuża. Illi l-pika tagħha sabiex tara lir-raġel tagħha mgħakkes akkost ta' kollox ġabitha fejn riedet. Illi l-kwerelanta dejjem kellha vettura biex tuża anki meta l-appellant kien qiegħed juża din il-vettura jigifieri l-Pajero. Illi di piu' din il-vettura hija tal-komunjoni tal-akkwisti u minn dejjem kienet fil-garaxx u min kellu bżonn juża din il-vettura kien juzaha. Anzi din il-

vettura stante li hija kbira u tqila l-kwerelanta ma tantx kienet tuzaha. L-appellant kien informa lill-kwerelanta li għandu bżonnha. Illi wara li giet irritornata wara insistenza tal-appellant, l-appellant beda juża din il-vettura u dan wara li hu stess informaha pero' għal-lejl kien rabat katina mal-isteering ħalli l-kwerelanta ma terġax tieħu l-Pajero u taħbihielu. Għalhekk l-appellant iħoss illi l-piena nflitta fuqu hija għal kollox esaġerata u sproporzjonata.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Ikkonsidrat

Li mix-xhieda mismugħa jirriżulta x'kien ġara dwar il-karozza in kwistjoni. Issa dan l-appell huwa limitat għall-ammont ta' piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti li għażlet id-deterrent ta' piena sospiża ta' priġunerija sabiex l-affarjiet jikkalmaw.

Il-Qorti qieset l-imġiba tal-partijiet involuti – min bħala xhud u min bħala appellant. It-tnejn li huma illum huma persuni maturi sew u wieħed għanu jittama li tilwim bħal dan ma jerġax jinqala'. L-appellant illum għandu 64 sena u għadda karriera fiċ-ċivil. Il-fedina penali tiegħu aġġornata ( kif ippreżentata waqt l-udjenza tat-22 ta' Novembru 2010) hija waħda netta.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti ser tilqa' l-appell dwar il-piena.

Għaldaqstant il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti tat-8 ta' Ġunju 2010 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Angelo Agius' fejn din sabet ħati lill-imputat tal-imputazzjoni dedotta kontrih u qed tħassarha u tirrevokaha fejn il-Qorti ikkundannatu għal xahar priġunerija sospiż għal sena u minflok qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat fi żmien 15 -il xahar mil-lum a tenur tal-artikolu 22 tal-Kap 446. Il-Qorti qed twissi lill-appellant li jekk matul dawn it-15-il xahar jikkommetti xi reat u jinstab ħati tiegħu, huwa jkun ikkundannat ukoll għar-reat li għalih instab ħati f'dan il-

każ.  Għalhekk għandu jżomm f’moħħu li d-deterrent tal-priġunerija għadu hemm.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------